# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru 27**

**Rikors numru 286/20/1 JVC**

**Anthony Manicaro**
**Mary Grace Manicaro**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza minn appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), filwaqt illi ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, laqgħet il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat, u ċaħdet il-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali tar-

rikorrenti, b'dana illi *inter alia,* l-Ewwel Qorti ma rriskontrat l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti hekk kif protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 u 39 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Wara l-intavolar ta' rikors mill-Avukat Ġenerali *a tenur* tal-Artikolu 4(6) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti Kriminali ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Sekwestru fuq l-assi kollha tal-appellanti, permezz ta' digriet datat 16 ta' Settembru 2020.

3. L-għada u ċjoè, nhar is-17 ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti ġew mixlija b'akkużi ta' ħasil ta' flus quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bil-konsegwenti ħruġ ta' Ordni ta' Iffriżar fuq l-assi kollha li jkunu dovuti jew li jmissu lilhom u dana *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 u l-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. L-assi kollha dovuti jew li jmissu lir-rikorrenti jinsabu attwalment milquta kemm minn Ordni ta' Sekwestru u kif ukoll minn Ordni ta' Iffriżar.

5. Matul il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti, il-Qorti ġiet mitluba wkoll mill-Prosekuzzjoni tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-att kontra l-Money Laundering, u ċjoè l-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-provvediment tal-Artikolu 23B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Nhar is-17 ta' Settembru 2020, il-Qorti tal-Maġistrati, kienet fil-fatt laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni, u ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes, u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-appellanti, jagħtu b'rahan, jippotekaw jew xort' oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, u l-Artikolu 23A(2) tal-Kap 9.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

7. Permezz ta' rikors intavolat nhar is-27 ta' Novembru 2020, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-appellanti talbu dikjarazzjoni illi d-drittijiet tagħhom hekk kif kontemplati fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew leżi. Saħqu wkoll illi ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom hekk kif sanċiti

fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Permezz ta' risposta datata 15 ta' Diċembru 2020, l-Avukat tal-Istat, *in linea* preliminari eċċepixxa illi r-rikorrenti ma utilizzawx il-mezzi li kellhom, u għad għandhom a dispożizzjoni tagħhom, u fid-dawl ta' dan ma jistax jiġi aċċettat illi r-rikorrenti jaqbżu għal din il-proċedura. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju, żied illi t-talbiet huma infondat fil-fatt u fid-dritt, u li l-ordni ta' sekwestru maħruġa skont l-Artikolu 4 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-ordni tal-iffriżar maħruġa *ai termini* tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 ġew ordnati mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja rispettivament, għaliex fl-għerf u fl-esperjenza tagħhom raw li kien hemm lok li dawn l-ordnijiet jinħarġu. Jirrilevaw illi persuna li tkun qiegħda tiġi investigata u sussegwentement akkużata b'dawn ir-reati tant serji, naturalment ser taffaċċja ċertu restrizzjonijiet, fosthom tali ordnijiet. Magħdud dan id-dispożizzjonijiet relattivi xorta waħda jipprovdu mekkaniżmu fejn il-Qorti tkun tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel tali ordni.

9. B'sentenza datata 24 ta' Novembru 2022, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat intimat bl-ispejjeż kontra tiegħu u għaddiet biex tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak minnha deċiż, u ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

## C. Liġi applikabbli għal *fattispecie* taċ-ċirkostanzi odjerni:

"**Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta**

**Artikolu 5**

*5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil krendituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(2) Dak l-ordni għandu –*

*(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u (b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*

*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*(4) Kull ordni bħal dak għandu jkun fih l-isem u l-kunjom tal-akkużat, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, isem missieru, isem ommu u kunjom ta' xbubitha, post tat-twelid u post ta' residenza u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, jekk għandu.*

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.*

*(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra firReġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni.*

*(7) Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih sabiex tagħmel ordni kif mitlub taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' ffriżar li jkollha listess effett ta' ordni magħmula taħt dan l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu.*

*(8) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan is-subartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (1). L-ordni temporanja ta' ffriżar magħmula taħt is-subartikolu (7) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*(9) L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta'meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill  Qorti Kriminali.*"

## D. L-Appell:

10. L-atturi ħassewhom aggravati minn din id-deċiżjoni u intavolaw appell nhar l-14 ta' Diċembru 2022 u talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn

ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija, u dana billi, filwaqt li tilqa' t-talbiet kollha tal-appellanti, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimat appellat.

11. L-Avukat tal-Istat, permezz ta' risposta datata 6 ta' Marzu 2023, sostna li l-appell huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.

12. Ir-rikors tal-appell huwa msejjes fuq tliet aggravji. Il-Qorti tosserva illi kif indikat mill-appellat fir-risposta tiegħu, l-appellanti ma ressqu l-ebda aggravji diretti lejn il-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat rigward l-Artikoli 37 u 39(8) tal-Kostituzzjoni, u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u għalhekk tqis illi dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti *ormai* għaddiet in ġudikat.

13. Il-Qorti tosserva wkoll illi mid-dokumenti in atti ma jidhirx illi l-appellanti applikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32(3) tal-Att VI tal-2024 li emenda varji liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità (Att VI tal-2014) illi jagħti effett retroattiv lil xi emendi introdotti b'dak l-Att, u għalhekk din il-Qorti sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 hekk kif viġenti fis-sena 2020 meta nbdew il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellanti.

*L-Ewwel Aggravju:*

14. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata tal-liġi; isostnu illi fil-fehma tagħhom il-liġi Maltija ma tipprovdix lok ta' appell minn ordni ta' iffriżar tal-assi u għalhekk huma kienu fl-impossibbiltà li jagħmlu dan. Spjegaw illi kif irriżulta mill-provi in atti, l-ordni tal-iffriżar tal-appellanti kienet maħruġa *a tenur* tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 u l-Artikolu 23A tal-Kap 9. Id-dritt ta' appell iċċitat mill-Ewwel Qorti ma japplikax għaliex dan id-dritt huwa disponibbli biss meta l-ordni ta' ffriżar tkun saret *a tenur* tal-Artikolu 5(7) tal-Kap 373. Josservaw illi filwaqt li l-appellanti m'għandhomx u qatt ma kellhom dan id-dritt, is-sitwazzjoni mhix l-istess għall-Avukat Ġenerali li għandu d-dritt jintavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali biex tali ordni tinħareġ. Isegwi għalhekk illi lanqas teżisti parità ta' armi. Tenut kont tal-fatt illi l-Ewwel Qorti naqset illi tikkunsidra li l-appellanti kienu u għadhom fl-imposibbiltà illi jintavolaw appell wara l-ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar, l-appellanti jsostnu li bl-istess argument, u *a contrario sensu*, mingħajr tali rimedju, jirriżulta illi l-element tal-proporzjonalità bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien ma jirriżultax.

15. B'referenza għal dan l-aggravju, l-Avukat tal-Istat jisħaq li l-appellanti għandhom raġun. Il-liġi Maltija ma tipprovdix għall-appell mill-ordni ta' iffriżar tal-assi, u għalhekk l-appellanti effettivament kienu fl-

impossibbiltà legali li jagħmlu dan. Jispjega illi l-liġi hija ċara, u tiddistingwi bejn l-ordni ta' iffriżar li jinħareġ taħt l-Artikolu 5(1) tal-Kap 373 u ordni temporanja ta' iffriżar kif indikat taħt l-Artikolu 5(7) tal-Kap 373. Id-dritt ta' appell huwa possibbli biss għal tali ordni temporanja iżda mhux għall-ordni ta' iffriżar maħruġa taħt l-Artikolu 5(1). Fil-każ tagħhom, l-appellanti setgħu biss jitolbu li l-ordni tiġi varjata iżda mhux li tiġi revokata. Għalhekk l-Avukat tal-Istat mhuwiex joġġezzjona għax dan l-aggravju limitatament għal dak li jirrigwarda d-dritt ta' appell minn ordni ta' iffriżar maħruġ taħt l-Artikolu 5(1) tal-Kap 373. *Ciononostane*, u minkejja li l-liġi ma tagħtix lok għal appell minn tali ordni, il-liġi tagħti possibbiltà lil min ikun milqut mill-ordni ta' iffriżar li jitlob varjazzjoni ta' tali ordni.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward dan il-punt:

> *"Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-argument kostituzzjonali dwar lezjoni tad-drittijiet fundamenti mqajjem mir-rikorrenti kien ikollu success li kieku rrizultalha li wara li jinhareg l-ordni ta' ffrizar, l-istess rikorrenti qua akkuzati ma nghataw l-ebda rimedju fil-ligi sabiex ivarjaw l-ordni ta' ffrizar in kwistjoni li mhux il-kaz. Fil-fatt irrizulta mill-atti stess tal-kaz odjern li l-ligi tipprovdi mezzi adegwati lir-rikorrenti sabiex ivarjaw l-ordni ta' ffrizar kemm permezz ta' appell mill-istess ordni kif ukoll rikorsi susessegwenti f'certu cirkostanzi. Dawn ir-rimedji johorgu minn qari tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 (Att kontra l-Money Laundering) l*
>
> *Omissis*
>
> *Illi mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti ma appellawx mill-ordni tal-iffrizar tal-assi kontra taghhom ghalkemm kellhom kull jedd fil-ligi jaghmlu dan. In oltre naqsu milli jintavolaw rikors jew rikors fejn fih iqajjmu l-ilment taghhom fis-sens li bhal parti mill-ordni ta' ffrizar nqabdu assi li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-allegata attivita' kriminali. Skont dak dikjarat mill-Avukat tal-Istat fl-ahhar verbal jirrizulta li r-rikorrenti ntavolaw rikors quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jigu awtorizzati*

*jkomplu bin-negozju taghhom izda ghal ragunijiet mhux noti lil din il-Qorti (ghaliex ma tressqet l-ebda prova dokumenetarja dwar dan lanqas mirrikorrenti) din giet michuda. Il-Qorti tifhem izda li n-negozju in kwistjoni kien fic-centru tal-attivita' allegatament kriminali li biha qed jigu akkuzati r-rikorrenti u ghalhekk tifhem li dan il-fatt seta' kellu piz fuq id-decizjoni tal-Qorti Kriminali.*

*Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li filwaqt li l-ligi tipprovdi mezzi adegwati sabiex l-ordni ta' ffrizar jigi emendat, dan sabiex ikun aktar proporzjonat*
*skont ic-cirkustanzi tar-rikorrenti u l-assi in kwistjoni, huma l-istess rikorrenti li naqsu milli jaghmlu effettiv mill-istess mezzi.*

*Illi in vista tas-suespost l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom fit-termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u talArtikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistax jirnexxi stante li ma jissodisfax l-element tal-isproporzjon allegat mill-istess rikorrenti. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti."*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

17. Din il-Qorti u magħha jaqbel ukoll l-Avukat tal-Istat tqis illi sa fejn dana l-aggravju jitratta dan in-nuqqas ta' dritt ta' appell, l-aggravju tal-appellanti huwa wieħed fondat. Il-Qorti tikkonċedi illi l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti kien wieħed żbaljat in kwantu d-dritt ta' appell huwa abbinat biss mal-ordni ta' ffriżar temporanju maħruġ *a tenur* tal-Artikolu 5(7) tal-Kap 373 u mhux għal ordni maħruġ *a tenur* tal-Artikolu 5(1) bħal dak fil-każ odjern. L-appellanti fil-każ odjern setgħu jitolbu biss li l-ordni tiġi varjata, aspett li ser jiġi indirizzat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

18. Il-Qorti *obiter* tosserva illi llum dan in-nuqqas ġie indirizzat permezz tal-Att VI tal-2024 fost rimedji oħra disponibbli.

19. Illi ghalhekk dana l-aggravju huwa wieħed fondat għalkemm irid jingħad li l-fatt li ma hemmx lok għal appell ma jfissirx awtomatikament li seħħ ksur.

*It-Tieni Aggravju:*

20. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jikkontendu illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset illi l-possibbiltà li jsiru rikorsi fil-mori tal-proċeduri sabiex tintalab varjazzjoni tal-ordni ta' ffriżar, joħloq il-bilanċ rikjest bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-individwu. Jaffermaw illi l-Qorti hija ristretta kif u fejn tista' tawtorizza tali varjazzjonijiet, għaliex il-Qorti tista' biss tibdel din l-ordni f'ċirkostanzi partikolari, u li fiċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, l-ebda talba għal varjazzjoni lill-Qorti ma setgħet qatt tkun ikkunsidrata bħala rimedju effettiv għall-appellanti, tant illi jissodisfa l-element tal-proporzjonalità rikjesta *ai termini* tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. L-appellanti jilmentaw ukoll illi l-ammont stabbilit ta' €13.976.24 huwa wieħed irriżorju.

21. L-appellat bi tweġiba għal dan l-aggravju, isostni illi ġialadarba persuna qiegħda tiġi investigata, u mbagħad akkużata b'reati serji, huwa naturali illi ser ikollha taffaċċja ċertu restrizzjonijiet, inkluż l-effetti li jġib

miegħu ordni ta' iffriżar. *Ciononostante* però, l-Artikolu 5(3) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti fakultà lill-Qorti li tkun ħarġet l-ordni sabiex f'ċirkostanzi partikolari, l-ordni tiġi varjata. Dan għalhekk jiggarantixxi ċertu flessibilità, u kif ukoll ħatriet ta' amministraturi li jkunu jistgħu jmexxu negozju u dan *ai termini* tal-Artikoli 36(11) tal-Kap 621 li jirreferi ukoll għall Artikoli 35(11) u 11A tal-istess Kap 621.

22. L-Artikolu 5(1)(b) tal-Kap 373 jipprovdi ukoll illi l-Qorti għandha tistabbilixxi xi flejjes li jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat waqt li din l-ordni tkun fis-seħħ. Isostni illi filwaqt li mhuwiex kontestat illi l-liġi ma toffrix id-dritt ta' appell, huwa inkontestat li l-appellanti setgħu jitolbu lill-Qorti kompetenti li tvarja tali ordni speċjalment fiċ-ċirkostanzi estremi li semmiet l-appellanta fl-affidavit tagħha. L-appellat Avukat tal-Istat jissottolinea illi l-appellanti ma ppreżentaw l-ebda rikors sabiex l-ordni tiġi varjata. Isegwi għalhekk illi minkejja li kellhom rimedju a dispożizzjoni tagħhom, ma għamlux użu minnu.

23. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward:

> *"Il-Qorti tifhem ghalhekk ghalfejn ir-rikorrenti jaraw din l-ordni kif mposta fuqhom fl-ewwel seduta meta tressqu akkuzati bhala wahda drakonjana li ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn proprjeta' u ohra. Il-Qorti izda tifhem ukoll li fl-istadju tal-ewwel seduta meta l-akkuzati jkunu ghadhom kemm tressqu, li l-interess pubbliku li jigu salvagwardjati l-assi derivanti mill-attivita' kriminali bla dewmien ghandu jiprevali fuq li wiehed jidhol fid-dettal wahda wahda fil-proprjeta' koncernata u jeskludi certa proprjeta' u ohra le. Huwa ghalhekk li fil-fatt il-ligi tiprovdi li l-akkuzat jinghata salarju mill-istess*

*assi sabiex jigi assigurat l-ghixien tieghu. Sa dan l-istadju l-Qorti ma tara xejn sproporzjonat fil-mizura attakkata*

*permezz tal-proceduri odjerni.*

*Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-argument kostituzzjonali dwar lezjoni tad-drittijiet fundamenti mqajjem mir-rikorrenti kien ikollu success li kieku rrizultalha li wara li jinhareg l-ordni ta' ffrizar, listess rikorrenti qua akkuzati ma nghataw l-ebda rimedju fil-ligi sabiex ivarjaw l-ordni ta' ffrizar in kwistjoni li mhux il-kaz. Fil-fatt irrizulta mill-atti stess tal-kaz odjern li l-ligi tipprovdi mezzi adegwati lir-rikorrenti sabiex ivarjaw l-ordni ta' ffrizar…Dawn ir-rimedji johorgu minn qari tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 (Att kontra l-Money Laundering) li jaqra kif isegwi:*

*(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil / jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta'ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjalili jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija usitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu(13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli . . . .*

*(8) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u d-*

*dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-QortiKriminali taħt dan is-subartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (1). L-ordni temporanja ta'ffriżar magħmula taħt is-subartikolu (7) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*(9) L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta'meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.'*

*Omissis*

*In oltre naqsu milli jintavolaw rikors jew rikors fejn fih iqajjmu l-ilment taghhom fis-sens li bhal parti mill-ordni ta' ffrizar nqabdu assi li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-allegata attivita' kriminali. Skont dak dikjarat mill-Avukat tal-Istat fl ahhar verbal jirrizulta li r-rikorrenti ntavolaw rikors quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jigu awtorizzati jkomplu bin-negozju taghhom izda ghal ragunijiet mhux noti lil din il-Qorti (ghaliex ma tressqet l-ebda prova dokumenetarja dwar dan lanqas mir-rikorrenti) din giet michuda. Il-Qorti tifhem izda li n-negozju in kwistjoni kien fic-centru tal-attivita' allegatament kriminali li biha qed jigu akkuzati r-rikorrenti u ghalhekk tifhem li dan il-fatt seta' kellu piz fuq id-decizjoni tal-Qorti Kriminali. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li filwaqt li l-ligi tipprovdi mezzi adegwati sabiex l-ordni ta' ffrizar jigi emendat, dan sabiex ikun aktar proporzjonat skont ic-cirkustanzi tar-rikorrenti u l-assi in kwistjoni, huma l-istess rikorrenti li naqsu milli jaghmlu effettiv mill-istess mezzi.*

*Illi in vista tas-suespost l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom fit-termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistax jirnexxi stante li ma jissodisfax l-element tal-isproporzjon allegat mill-istess rikorrenti. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti.*

*Omissis*

*Illi din il-Qorti tifhem u tikkoncedi li kieku rrizultalha li ghallordni ta' ffrizar mposta fuqhom ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda rimedju allura anki l-ilment taht it-tieni talba taghhom kien ikun gustifikat stante li l-effetti tal-ordni ta' ffrizar mpost ma kien ikun hemm ebda rimedju u ghalih b'dan li verament l-effett tieghu kien ikun dak ta' piena oltre dak*

*li tiprovdi l-ligi. Però, kif gia konstatat aktar il-fuq, irrizulta lil din il-Qorti li l-ligi tiprovdi rimedji effettivi lir-rikorrenti sabiex jappellaw kontra l-hrug tal-ordni ta' ffrizar innifsu wkoll sabiex dan jigi varjat skont ic-cirkustanzi izda jirrizulta li r-rikorrenti naqsu milli jaghmlu uzu adegwat minn dawn ir-rimedji sabiex se mai l-effett tal-ordni ta' ffrizar jigi minimizzat. Isegwi ghalhekk li l-fatt li l-effetti 'gravi' tal-ordni ta' ffrizar in kwistjoni baqghu ma gewx minimizzati huwa rizultat ta' nuqqas ta' azzjoni da parti tar-rikorrenti u ghalhekk din il-Qorti wkoll ma ssibx lezjoni tad-drittijiet fundamentali elenkati fit-tieni talba tar-rikorrenti u ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tieni talba tar-rikorrenti."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

24. Il-Qorti tagħraf illi huwa minnu illi fil-perjodu li l-appellanti tressqu, il-liġi effettivament kienet timponi "blanket freezing" fuq l-assi kollha tal-akkużat u li dan joħloq inkonvenjent konsiderevoli. Illi però ma ssibx illi l-argumenti tal-appellanti fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ huma fondati. Ġie diversi drabi ritenut illi dan il-mekkaniżmu huwa eżerċizzju ta' kontroll fl-użu tal-proprjetà, iżda huwa eżerċizzju kontemplat fil-liġi, u jservi interess ġenerali leġittimu. Dan l-eżerċizzju però jinneċessita illi jkun hemm bilanċ xieraq bejn l-interess ġenerali tal-komunità u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-wieħed. (Ara *ad exemplum Hutten-Czapska v. Poland* [GC], no. 35014/97, § 167, ECHR 2006-VIII; *Depalle v. France* [GC], no. 34044/02, § 83, ECHR 2010; and *Herrmann v. Germany* [GC], no. 9300/07, § 74, 26 June 2012; see also *Borzhonov*, cited above, § 59).

25. Huwa minnu illi l-liġi kif emendata permezz tal-Att VI tas-sena 2024 hija issa relattivament aktar flessibbli, però hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-Artikolu 5(3) tal-Kap 373 jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa biżżejjed.

26. B'referenza għall-każ odjern, il-Qorti eżaminat bir-reqqa dak li spjegat l-appellanta fl-affidavit tagħha, u kif iben l-appellanti għandu bżonnijiet speċjali, u kif l-appellant ukoll kien rikoverat l-isptar. Rat illi apparti s-somma stabbilita mill-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanti baqgħu u qiegħdin jirċievu l-benefiċċiji statali dovuti lil binhom minħabba l-kondizzjoni tiegħu kif ammess *viva voce* in kontroeżami mill-appellanta stess. Rat illi l-biża' tal-appellanta hija fl-eventwalità li tiġi bżonn issiefer lil binha minħabba trattament urġenti, peress illi tali eventwalità tkun tirrikjedi ċertu likwidità finanzjarja sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji.

27. Din il-Qorti rat ukoll illi kif anke dikjarat mill-Avukat tal-Istat, saru biss żewġ rikorsi da parti tal-appellanti minn meta huma tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati; f'rikors minnhom l-appellanti talbu illi jiġu awtorizzati jiġġestixxu n-negozju tagħhom, liema talba kienet ġiet miċħuda, u t-tieni rikors kien jirrigwarda l-ħlas ta' polza ta' assigurazzjoni għal vettura li tappartjeni lill-appellanti, liema talba kienet intlaqgħet. Għajr dawn iż-żewġ rikorsi, ma jidher illi saru l-ebda talbiet ulterjuri da parti tal-appellanti minkejja ċ-ċirkostanzi personali u familjari deskritti mill-appellanta fl-affidavit tagħha.

28. Il-pożizzjoni ta' din il-Qorti *vis-a-vis* l-Artikolu 5(1) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, dejjem kienet waħda u dana kif jirriżulta mis-sentenza ***George Tabone et v. Avukat Ġenerali et*** deċiża nhar il-5 ta' Ottubru 2018 u aktar riċenti minn dik fl-ismijiet ***Yorgen Fenech v. Avukat tal-Istat et.*** Illi fir-rigward il-proporzjonalità *o meno* tal-Kap 373, f'***George Tabone et v. Avukat Ġenerali et*** ġie ritenut illi:

> *"16. Din id-disposizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarabx ħsara u tbatija sa fejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru.*
>
> *17. L-atturi ma nqdewx bil-possibilità ta' rimedju li jagħtihom il-proviso għall-art. 5(1) miġjub fuq. B'rikors tas-6 ta' Marzu 2013 talbu t-tħassir tal-ordni għal raġunijiet oħra u mhux għar-raġunijiet imsemmija fil-proviso. L-eżistenza ta' dan ir-rimedju iżda, għalkemm l-atturi ma nqdewx bih, huwa biżżejjed biex juri illi hemm mekkaniżmu fil-Kap. 373 stess biex jintlaħaq il-bilanċ u l-proporzjon li jridu l-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali.*
>
> *18.... Li qiegħda tgħid il-qorti hu illi l-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjetà kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjonata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra lħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza."*

29. Illi din l-osservazzjoni ssib riskontru f'dak affermat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet***: Dzinic kontra l-Kroazja,*** deċiża nhar is-17 ta' Awwissu 2016:

> *"In particular, whereas seizure of the applicant's property is not in itself open to criticism, having regard in particular to the margin of appreciation permitted under the second paragraph of Article 1 of the*

> *Protocol, it carries with it the risk of imposing on him an excessive burden in terms of his ability to dispose of his property* ***and must accordingly provide certain procedural safeguards so as to ensure that the operation of the system and its impact on an applicant's property rights are neither arbitrary nor unforeseeable. (Enfażi ta' din il-Qorti.)"***

30. Illi aktar riċenti din il-Qorti kif komposta, fis-sentenza fl-ismijiet ***Yorgen Fenech v. Avukat tal-Istat*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2024 affermat illi:

> *"21. Dan iktar u iktar meta l-liġi diġá tipprovdi proċedura sabiex l-attur jitlob lill-Qorti biex tvarja l-ordni ta' l-iffriżar. Fil-fehma ta' din il-Qorti id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti li "f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni" (Art. 5(3) tal-Kap. 373), hi wiesa' biżżejjed biex tintlaħaq dik il-proporzjonalitá li hemm bżonn bejn l-interess ġenerali u l-jedd tal-attur, u dan iktar u iktar meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami."*

31. Il-Qorti mhijiex tgħid illi ma kellux jitqies dan l-ilment tal-atturi għax naqsu milli jinqdew b'rimedji ordinarji li kienu disponibbli; qiegħda tgħid biss li l-eżistenza ta' dawk ir-rimedji turi li ma hemmx dak l-isproporzjon li jilmentaw minnu l-atturi.

32. Illi għalhekk dan it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud.

*It-Tielet Aggravju:*

33. Permezz tat-tielet aggravju, l-appellanti jikkontendu illi l-liġi domestika mhux konformi mad-Direttiva numru 2014/42/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 u li l-Ewwel Qorti

naqset milli tindirizza dan l-ilment. L-appellanti għamlu referenza għal dak rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet *Sebastian Dalli v. L-Avukat tal-Istat et*. Iżidu illi huwa ċar li l-insenjamenti ta' din il-Qorti fis-sentenza ċitata illi l-Ordni ta' Iffriżar m'għandhiex isservi bħala xi forma ta' miżura punittiva *ad hoc,* u li għandha tolqot biss dawk l-assi li jistgħu potenzjalment jammontaw għal rikavat għal fini ta' konfiska.

34. L-appellat Avukat tal-Istat irrileva illi kif jirriżulta mit-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur, l-Ewwel Qorti ma kinitx mitluba mir-rikorrenti biex tagħmel tali eżami, u ċjoè, illi tanalizza jekk effettivament il-liġi domestika hijiex konformi mad-Direttiva numru 2014/42/EU. Iżid illi ma jagħmilx sens illi fl-isfond ta' dan l-aggravju tiġi ċċitata s-sentenza fl-ismijiet *Sebastian Dalli v. Avukat tal-Istat et,* għaliex il-fattispecie tal-każ odjern huma totalment diversi. L-istess jingħad għall-każ ta' *Shorazova v. Malta.* L-Avukat tal-Istat sostna illi f'diversi okkażjonijiet il-Qrati Kriminali illimitaw s-somom maqbuda bl-ordni u anke eskludew proprjetajiet li kienu provenjenti minn wirt. Dan juri illi bil-liġi kif inhi fil-preżent, hemm mod kif l-ordni tiġi varjata jekk kemm-il darba l-akkużat jagħmel rikors u fih juri raġuni tajba għal tali varjazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

35. B'referenza għal dak sottomess mill-Avukat tal-Istat, u ċjoè illi l-Ewwel Qorti ma kinitx mitluba mir-rikorrenti illi tikkunsidra jekk

effettivament id-Direttiva ċitata mill-appellanti fl-appell tagħhom, kinitx konformi mal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti rat illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fir-rikors promotur kienu s-segwenti:

> *"1. Tiddikjara illi l-hrug u z-zamm fis-sehh tal-ordni tal-iffrizar nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) tilledi d-drittijiet tal-esponenti ghat-tgawdija talpropjeta' tal-esponenti taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu I tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea u dan kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tiddikjara wkoll illi r-rikorrenti sofrew ukoll lezjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 (8) talKostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni ta' ffrizar qieghed jinfliggi fuqhom piena konsegwenzjali mill-ehrex nonostante illi ghadhom prezunti innocenti;*
>
> *3. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi."*

36. Il-Qorti rat ukoll illi d-Direttiva msemmija għalkemm kienet ċitata mir-rikorrenti fir-rikors promotur, saret biss referenza għaliha f'paġna 3 tar-rikors promotur, fejn ir-rikorrenti ċċitaw l-Artikolu 8 tal-istess Direttiva. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-appellanti mbagħad iċċitaw mill-preambolu tal-istess Direttiva, b'referenza għall-iskop tal-ordni ta' iffriżar, u reġa' ġie ċitat l-Artikolu 8 tal-istess. Jidher għalhekk illi effettivament l-appellanti ma talbu l-ebda dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' konformità tal-liġi domestika mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/42/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 u r-referenza għad-Direttiva kienet waħda *di passaggio.*

37. Madankollu, billi d-Direttiva (għalkemm mhix Regolament u għalhekk ma għandhiex effett dirett xorta jista' jkun li tiġġenera drittijiet vertikali kontra l-istat, il-Qorti tosserva wkoll illi hi għadha tikkondividi l-osservazzjonijiet magħmula minnha fis-sentenza Sebastian Dalli *v.* L-Avukat tal-Istat b'rabta man-nuqqas ta' dritt ta' appell tal-akkużat u d-dispożizzjonijiet relattivi tad-Direttiva ċitata. Dan wara kollox jixhduh il-konsiderazzjonijiet magħmula fuq f'dik il-parti ta' din is-sentenza li indirizzat l-ewwel aggravju tal-appellanti. Il-Qorti tagħraf ukoll illi l-Att VI tas-sena 2024 irrettifika dan in-nuqqas billi l-akkużat issa ngħata wkoll id-dritt ta' appell, dritt li l-appellanti ukoll setgħu użaw *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32 (3) tal-Att VI tal-2024".

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, għalkemm tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti u tiċħad il-bqija tal-aggravji u ma tbiddel xejn mis-sustanza tal-Ewwel Qorti li qed tiġi konfermata għal bqija, u għalhekk tiċħad l-appell tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da